IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.12.2010
KUMM(2010) 774 finali

2010/0374 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-għan ġenerali tal-proġett huwa li l-SEK 95 tiġi riveduta biex il-kontijiet nazzjonali fl-Unjoni Ewropea jiġu konformi ma' ambjent ekonomiku ġdid, il-progress fir-riċerka metodoloġika u l-ħtiġijiet tal-utenti.

Għalhekk huwa essenzjali li jkun hemm Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea tal-2010 (SEK 2010).

L-SEK riveduta għandha tkun ir-referenza metodoloġika xierqa għall-produzzjoni tad-dejta tal-kontijiet nazzjonali ta' kwalità għolja meħtieġa bħala għajnuna għall-implimentazzjoni ta' strateġiji politiċi ewlenin tal-UE.

Ir-reviżjoni se tkun ukoll okkażjoni biex isir aktar titjib fl-istandards tal-SEK 95 biex ikunu aktar immirati għal bosta użi fl-UE.

L-SEK hija għodda essenzjali fil-livell Ewropew, li tintuża għall-finijiet amministrattivi ewlenin (p.eż. ir-riżorsi proprji, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, il-fondi strutturali) u għall-analiżi tal-koordinament u l-konverġenza tal-politika ekonomika tal-Istati Membri.

Biex jinkisbu l-għanijiet imressqa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod aktar speċifiku, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-SEK tipprovdi sett statistiku armonizzat u affidabbli lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-gvernijiet u lill-operaturi ekonomiċi u soċjali biex fuqu jsejsu d-deċiżjonijiet tagħhom.

Ir-reviżjoni tal-SEK tkompli fuq ir-reviżjoni tas-Sistema Internazzjonali tal-Kontijiet Nazzjonali (SNA 93). L-SNA l-ġdida (SNA 2008) ġiet ippubblikata fl-2009 mill-ħames organizzazzjonijiet internazzjonali li ħadmu fuq il-Manwal il-ġdid (l-IMF, l-OECD, it-Taqsima tal-Istatistika tal-UN, il-Bank Dinji u l-Eurostat).

L-SEK hija konsistenti b'mod wiesa' mal-SNA għal dawk li huma definizzjonijiet, regoli ta' kontabilità u l-ikklassifikar. Minkejja dan, fiha ċerti differenzi, b'mod partikolari fil-preżentazzjoni tagħha li hija aktar konformi mal-użu tagħha ġewwa l-Unjoni Ewropea. Dan l-użu speċifiku fil-fatt jeħtieġ preċiżjoni akbar fid-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-regoli ta' kontabilità. Bil-maqlub tal-SNA, l-SEK hija bbażata fuq Regolament li fih regoli li jorbtu biex jiġi żgurat li jista' jsir tqabbil fil-livell tal-UE, u programm obbligatorju ta' trażmissjoni ta' dejta.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMA TAL-IMPATT

Ir-reviżjoni tal-SEK ġiet diskussa f'bosta gruppi:

Twaqqaf grupp ta' Tmexxija ta' Diretturi tal-Kontijiet Nazzjonali biex jgħin lid-Diretturi tal-Grupp tal-Kontijiet Nazzjonali fil-ħidmiet tiegħu li:

– jipprovdi l-gwida strateġika meħtieġa biex il-proġett ikun suċċess;

– jagħti pariri fil-fażijiet differenti tal-proġett;

– jiddeċiedi dwar kwistjonijiet importanti ta' metodoloġija.

L-għarfien espert tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kontijiet Nazzjonali (GĦKN) inġenerali, u tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kontijiet Finanzjarji (GĦKF) f'aspetti aktar speċifiċi, huwa element essenzjali biex il-proġett ta' reviżjoni tal-SEK 95 ikun suċċess. Kienu meħtieġa diskussjonijiet intensivi permezz ta' laqgħat u konsulti bil-miktub biex tiġi żgurata l-kwalità teknika tal-proġett. Flimkien mal-GĦKN, twaqqaf Grupp ta' Reviżjoni tal-SEK 95 taħt forma ta' laqgħat konġunti tal-GĦKN u l-GĦKF, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' interess komuni għal dawn iż-żewġ gruppi ta' ħidma.

ECB tekniku – il-grupp tal-Eurostat dwar il-konsistenza, ħadem fuq l-armonizzazzjoni tal-partijiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji tas-sistema.

Sar rappurtaġġ regolari lill-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea (KSSE) f'kull stadju tal-proċess ta' reviżjoni. Il-Kumitat dwar l-istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti (KMFB) ġie infurmat regolarment.

Kien hemm kuntatti regolari ma' Direttorati Ġenerali oħra, b'mod partikolari dak tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u d-DĠ tal-Baġit.

L-Eurostat organizza Konferenza dwar il-Kontijiet Nazzjonali f'Settembru 2009 fi Brussell, bil-parteċipazzjoni tal-utenti u l-partijiet interessati.

L-ISTIMA TAL-IMPATT

Kieku l-SEK ma ġiex riveduta, dan kien idgħajjef il-possibbiltà ta' tqabbil tal-kontijiet nazzjonali u l-aggregati, l-ewwelnett bejn l-Istati Membri billi r-reviżjoni se tkun okkażjoni biex jiġu speċifikati regoli metodoloġiċi ġodda għal kwistjonijiet li tfaċċaw f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena, it-tieni fil-livell internazzjonali billi l-SNA għadha kemm ġiet riveduta.

L-SEK għandha tibqa' verżjoni tal-SNA adattata għall-istrutturi tal-ekonomiji tal-Istati Membri u għandha ssegwi t-tqassim tal-SNA kemm jista' jkun possibbli biex id-dejta tal-Unjoni Ewropea tkun tista' titqabbel ma' dik ikkompilata mill-imsieħba internazzjonali ewlenin.

Analiżi tal-konsegwenzi tal-introduzzjoni tal-SEK riveduta fuq l-aggregati tal-kontijiet nazzjonali ewlenin ġiet diskussa mis-Sottokumitat għall-istatistika tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju bil-ħsieb ta' diskussjoni ta' orjentazzjoni mill-Kunsill tal-ECOFIN f'Novembru 2010.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-għan tar-Regolament huwa li jirrevedi l-SEK kemm fir-rigward tal-metodoloġija dwar l-istandards komuni, tad-definizzjonijiet, tal-klassifikazzjonijiet u r-regoli ta' kontabilità, kif ukoll tal-programm għat-trażmissjoni ta' kontijiet u tabelli kkompilati għall-finijiet tal-Unjoni skont il-metodoloġija.

L-Artikolu 338 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula l-bażi legali għall-istatistika Ewropea. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, huma u jaġixxu skont il-

proċedura leġiżlattiva normali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, fejn ikun meħtieġ, dwar il-prestazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni. Dan jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea filwaqt li jistqarr li għandha tkun konformi mal-istandards ta' imparzjalità, affidabilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, effettività fl-infiq u kunfidenzjalità statistika.

Il-proposta hija konformi kemm mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif ukoll ma' dak ta' proporzjonalità.

Dwar il-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-għanijiet tal-proposta ma jaqgħux ġewwa l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea u fl-istess waqt ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri ma jistgħux jiksbu dik li hija l-preokkupazzjoni ċentrali dwar il-kwalità sal-punt meħtieġ mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġiżlazzjoni Ewropea li tistabbilixxi metodoloġija ta' kontijiet nazzjonali komuni u programm ta' trażmissjoni.

Dan huwa importanti b'mod partikolari fil-qasam tal-kontijiet nazzjonali fejn l-aggregati jintużaw għal finijiet multipli fil-livelli reġjonali u nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew (p.eż. ir-riżorsi proprji, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, u l-fondi strutturali).

L-għanijiet tal-proposta jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi ta' att legali Ewropew, minħabba li l-Kummissjoni biss tista' tikkoordina l-armonizzazzjoni meħtieġa ta' metodoloġija ta' kontijiet nazzjonali u tagħrif statistiku fil-livell tal-Unjoni Ewropea; il-ġbir ta' dejta u l-kumpilazzjoni ta' statistika komparabbli dwar il-kontijiet nazzjonali, min-naħa l-oħra, jistgħu jiġu organizzati mill-Istati Membri. L-Unjoni Ewropea tista' għalhekk tieħu azzjoni għal dan il-għan, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat.

Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-Regolament hu limitat għall-minimu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal dak l-iskop. Huwa ma jispeċifikax il-mekkaniżmi tal-ġbir tad-dejta għal kull Stat Membru, iżda jiddefinixxi biss id-dejta li għandha tiġi pprovduta biex tiġi żgurata struttura armonizzata u sinkronizzazzjoni.

L-istrument legali propost dwar l-SEK 2010 huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Huwa preferibbli regolament minħabba li jistipula l-istess dispożizzjonijiet mal-Unjoni Ewropea kollha, u ma jħalli lill-Istati Membri l-ebda possibbiltà li japplikawh b'mod mhux sħiħ jew selettiv. Japplika direttament, jiġifieri ma jkunx hemm bżonn li jiġi traspost fil-liġi nazzjonali.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

## 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għaldaqstant għandu jestendi saż-Żona Ekonomika Ewropea.

2010/0374 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

Billi:

(1) Is-superviżjoni tal-ekonomiji tal-Istati Membri u tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM) teħtieġ informazzjoni li tista' titqabbel, u li hi aġġornata u affidabbli dwar l-istruttura u l-iżviluppi fil-qagħda ekonomika ta' kull /Stat Membru jew reġjun.

(2) Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol fis-sorveljanza tal-ekonomiji tal-Istati Membri u tal-UEM u, b'mod partikolari, tirrapporta b'mod regolari lill-Kunsill dwar il-progress tal-Istati Membri fil-qadi ta' dmirijiethom skont l-UEM.

(3) Iċ-ċittadini tal-Unjoni jeħtieġu l-kontabilità ekonomika bħala għodda bażika għall-analiżi tal-qagħda ekonomika ta' /Stat Membru jew reġjun. Biex ikun jista' jsir tqabbil, dawn il-kontijiet għandhom jitfasslu fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' prinċipji li ma jkunux miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti.

(4) Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu mill-aggregati tal-kontijiet nazzjonali għall-finijiet ta' amministrazzjoni tal-Unjoni u, partikolarment, il-kalkoli tal-baġit;

(5) Fl-1970 ġie ppubblikat dokument amministrattiv bl-isem ta' 'Sistema Ewropea tal-Kontabilità Integrata' (SEK), li jkopri l-qasam regolat minn dan ir-Regolament, li kien tfassal unikament mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej u fuq ir-responsabbiltà tagħha biss. Dan id-dokument kien ir-riżultat ta' ħidma ta' bosta snin

---

[1] ĠU C [...], [...], p. [...].
[2] ĠU C [...], [...], p. [...].
[3] ĠU C [...], [...], p. [...].

mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, flimkien mal-istituti tal-istatistika nazzjonali tal-Istati Membri, biex tinħadem sistema tal-kontijiet nazzjonali li tilħaq ir-rekwiżiti tal-politika ekonomika u soċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Kien jikkostitwixxi l-verżjoni tal-Komunità tas-Sistema tal-Kontijiet Nazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti li ntużaw mill-Komunità sa dak iż-żmien. Biex it-test oriġinali jiġi aġġornat ġiet ippubblikata t-tieni edizzjoni tad-dokument fl-1979[4].

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità[5] waqqaf sistema tal-kontijiet nazzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-politika ekonomika, soċjali u reġjonali tal-Unjoni. Dik is-sistema kienet konsistenti b'mod ġenerali mas-Sistema internazzjonali ta' Kontijiet Nazzjonali adottata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fi Frar 1993 (SNA 1993) biex ir-riżultati fil-pajjiżi kollha membri tan-Nazzjonijiet Uniti jkunu jistgħu jitqabblu internazzjonalment.

(7) L-SNA 1993 ġiet aġġornata taħt forma ta' Sistema ġdida ta' Kontijiet Nazzjonali (SNA 2008) adottata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fi Frar 2009 biex il-kontijiet nazzjonali jiġu aktar konformi ma' ambjent ekonomiku ġdid, mal-progress fir-riċerka metodoloġika, u mal-ħtiġijiet tal-utenti.

(8) Jeħtieġ li tiġi riveduta s-sistema tal-kontijiet Ewropea (SEK 95) stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2223/96 biex jitqiesu dawn l-iżviluppi ġodda biex dik is-sistema tkun tikkostitwixxi verżjoni tal-SNA 2008 adattata għall-istrutturi tal-ekonomiji tal-Istati Membri, u biex id-dejta tal-Unjoni tkun tista' titqabbel ma' dik li tiġi kkompilata mill-imsieħba internazzjonali ewlenin tagħha.

(9) Għandha tingħata attenzjoni fil-każ tal-kontijiet ambjentali u soċjali lill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-20 ta' Awwissu 2009 bl-isem ta' "Il-PGD u lil hinn minnu - Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem qed tinbidel"[6]. Għalhekk, jistgħu jkunu meħtieġa aktar studji metodoloġiċi u testijiet ta' dejta.

(10) Is-Sistema Ewropea tal-kontijiet riveduta stabbilita b'dan ir-Regolament (SEK 2010) tinkludi metodoloġija u programm ta' trażmissjoni (li jiddefinixxi l-kontijiet u t-tabelli li jridu jiġu pprovduti mill-Istati Membri skont l-iskadenzi speċifikati). Dawn il-kontijiet u tabelli l-Kummissjoni għandha tagħmilhom disponibbli għall-utenti f'dati preċiżi b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza tal-konverġenza ekonomika u l-ksib ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-istrateġiji ekonomiċi tal-Istati Membri.

(11) L-ESA 2010 għandha gradwalment tieħu post is-sistemi l-oħrajn kollha bħala qafas ta' referenza tal-istandards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabilità għat-tfassil tal-kontijiet tal-Istati Membri għall-ħtiġijiet tal-Unjoni, biex b'hekk jinkisbu riżultati li jistgħu jitqabblu bejn l-Istati Membri.

(12) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet

---

4 Eurostat : "Sistema Ewropea ta' Kontabilità Ekonomika Integrata (SEK), it-tieni edizzjoni, Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, Lussemburgu, 1979

5 ĠU L 310, 30.11.1996, p.1.

6 COM(2009) 433 finali.

territorjali għall-istatistika (NUTS)[7], l-istatistika kollha tal-Istati Membri mibgħuta lill-Kummissjoni li hi mqassma skont l-unitajiet territorjali għandha tuża l-klassifikazzjoni NUTS. Għaldaqstant, sabiex tiġi stabbilita statistika reġjonali li tista' titqabbel, l-unitajiet territorjali għandhom jiġu ddefiniti skont il-klassifikazzjoni tan-NUTS.

(13) Twaqqaf grupp ta' ħidma biex jeżamina aktar fil-fond il-kwistjoni tat-trattament tas-servizzi finanzjarji ta' intermedjazzjoni mkejla b'mod indirett (Fisim) fil-kontijiet nazzjonali. Meta jitqiesu r-riżultati tal-grupp ta' ħidma, jista' jkun meħtieġ li tiġi emendata l-metodoloġija għall-kalkolu u l-allokazzjoni tal-Fisim, permezz ta' att iddelegat qabel tmiem l-2012, biex jiġu pprovduti riżultati aktar affidabbli.

(14) In-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp għandha natura ta' investiment u għalhekk għandha tiġi reġistrata bħala formazzjoni ta' kapital fiss. Iżda, jeħtieġ li jiġi speċifikat il-format tad-dejta li trid tiġi reġistrata bħala formazzjoni ta' kapital fiss permezz ta' att iddelegat meta jintlaħaq livell suffiċjenti ta' fiduċja fl-affidabilità tad-dejta permezz ta' eżerċizzju bħala prova bbażat fuq l-iżvilupp tat-tabelli supplementari.

(15) Jeħtieġ li jsiru studji u ħidma, b'mod partikolari fuq kwistjonijiet marbuta mal-PGD u lil hinn u l-Ewropa 2020 bl-għan li jiġi żviluppat approċċ ta' kejl aktar komprensiv għall-benessri u l-progress sabiex jingħata appoċċ għall-promozzjoni ta' ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva. Dawn l-istudji u din il-ħidma se jgħinu biex titjieb aktar id-disponibbiltà tad-dejta, it-trażmissjoni u l-kwalità, jittejbu l-metodoloġiji, biex issir tħejijja għal żviluppi fil-ġejjieni.

(16) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet ta' emendar tal-Annessi ta' dan ir-Regolament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fuq il-livell tal-għarfien espert.

(17) Billi l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' teħtieġ adattamenti ewlenin fis-sistemi tal-istatistika nazzjonali, jistgħu jingħataw id-derogi mill-Kummissjoni lill-Istati Membri.

(18) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[8].

(19) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri t-twaqqif ta' Sistema tal-Kontijiet (SEK) riveduta (SEK 2010), ma jistgħax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dan l-għan.

---

[7] ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.
[8] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(20) Il-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea imwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea[9] ġie kkonsultat.

(21) Il-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE tat-13 ta' Novembru 2006[10] u l-Kumitat dwar id-Dħul Gross Nazzjonali (Kumitat DNG) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bil-prezzijiet tas-suq (Regolament DGN)[11] ġew ikkonsultati.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament iwaqqaf is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 (SEK 2010).

2. L-SEK 2010 jipprovdi għal:

(a) metodoloġija (Anness A) dwar standards komuni, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontabilità li għandhom jintużaw għat-tħejjija tal-kontijiet u t-tabelli fuq bażijiet li jistgħu jitqabblu għall-finijiet tal-Unjoni, flimkien mar-riżultati kif meħtieġ skont l-Artikolu 3;

(b) programm (Anness B) li jħejji l-limiti ta' żmien sa meta l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli li jridu jiġu kkompilati skont il-metodoloġija msemmija fil-punt (a).

3. Meqjusa l-Artikoli 5 u 12, dan ir-Regolament għandu japplika għall-atti kollha tal-Unjoni li jirreferu għall-SEK jew id-definizzjonijiet tagħha.

4. Dan ir-Regolament ma jobbligax lil xi Stat Membru li juża l-SEK 2010 fit-tħejjija tal-kontijiet għall-iskopijiet tiegħu stess.

*Artikolu 2*

**Metodoloġija**

1. Il-metodoloġija tal-SEK 2010 msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) hija stabbilita fl-Anness A.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 7, 8 u 9, emendi fil-metodoloġija tal-SEK 2010 intiżi biex jispeċifikaw u jtejbu l-kontenut tagħha kemm-il darba ma jbiddlux il-kunċetti bażiċi tagħha, ma jeħtiġux riżorsi

---

9 ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.
10 ĠU L 332, 30. 11. 2006, p. 21.
11 ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1.

addizzjonali għall-implimentazzjoni tagħhom u ma jikkawżawx żieda fir-riżorsi proprji.

3. Fl-eventwalità ta’ dubju rigward l-implementazzjoni korretta tar-regoli ta’ kontabilità tal-SEK 2010, l-Istat Membru konċernat għandu jitlob kjarifika mingħand il-Kummissjoni (l-Eurostat). Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha minnufih teżamina l-kwistjoni u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha dwar il-kjarifika mitluba lill-Istat Membru kkonċernat.

4. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-kalkolu u l-allokazzjoni tas-servizzi finanzjarji ta' intermedjazzjoni mkejla b'mod indirett (Fisim) fil-kontijiet nazzjonali skont il-metodoloġija deskritta fl-Anness A. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi qabel tmiem l-2012, permezz ta' atti delegati, skont l-Artikoli 7, 8 u 9, metodoloġija għall-kalkolu u l-allokazzjoni tal-Fisim.

5. L-infiq għar-riċerka u l-iżvilupp għandu jiġi reġistrat, mill-Istati Membri, bħala formazzjoni ta' kapital fiss. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 7, 8 u 9, biex tiżgura l-affidabilità tad-dejta li trid tiġi reġistrata bħala formazzjoni ta' kapital fiss.. Dawn l-atti delegati għandhom jispeċifikaw il-format ta' dik id-dejta..

*Artikolu 3*

**It-Trażmissjoni ta' dejta lill-Kummissjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli stabbiliti fl-Anness B fil-limiti taż-żmien speċifikati għal kull tabella.

Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea, għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-derogi mogħtija skont l-Artikolu 6 sabiex jivverifikaw jekk dawn ikunux għadhom aktar iġġustifikati.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dejta u l-metadejta meħtieġa b'dan ir-Regolament b'konformità ma' standard ta' skambju speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat).

Id-dejta għandha tiġi trażmessa jew imtella’ b’mezzi elettroniċi għall-punt tad-dħul waħdieni għad-dejta fil-Kummissjoni (Eurostat).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikoli 7, 8 u 9 biex temenda jew tissupplementa t-tabelli u l-limiti ta' żmien fl-Anness B biex tikkunsidra l-iżviluppi metodoloġiċi, ekonomiċi u tekniċi . Dawn l-atti għandhom ikunu bbażati b'mod partikolari fuq il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tar-riżultati minn studji volontarji jew trażmissjoni ta' dejta mill-Istati Membri. Hija u tagħmel din il-valutazzjoni l-Kummissjoni għandha tqis il-benefiċċji tad-disponibilità tad-dejta fir-rigward tal-kost tal-ġbir u l-piż tar-risposta.

*Artikolu 4*

**Il-Valutazzjoni tal-kwalità**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-dejta li trid tiġi trażmessa.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa skont l-Artikolu 3.

3. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità msemmija fil-paragrafu 1 għad-dejta kopertà minn dan ir-Regolament, il-modalitajiet, l-istruttura u l-frekwenza tar-rapporti ta' kwalità għandhom ikunu ddefiniti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa.

*Artikolu 5*

**Id-Data tal-applikazzjoni u tal-ewwel trażmissjoni tad-dejta**

1. L-SEK 2010 għandha tiġi applikata għall-ewwel darba għad-dejta stabbilita bi qbil mal-Anness B li trid tiġi trażmessa f'Settembru 2014.

2. Id-dejta għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) bi qbil mal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Anness B.

3. Bi qbil mal-paragrafu 1, sakemm isseħħ l-ewwel trażmissjoni fuq il-bażi tal-SEK 2010, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-kontijiet u t-tabelli stabbiliti bl-applikazzjoni tal-SEK 95.

4. Mingħajr preġudizju għall-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 [12] il-Kummissjoni u l-Istati Membru kkonċernati għandhom jivverifikaw li dan ir-Regolament ikun qed jiġi applikat u għandhom jippreżentaw ir-riżultati ta' dawk il-verifiki lill-Kumitat stipulat fl-Artiklu 10(1) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 6*

**Id-Derogi**

1. Safejn is-sistema tal-istatistika nazzjonali teħtieġ adattamenti ewlenin għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi lill-Istati Membri skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10 mill-applikazzjoni tiegħu sal-1 ta' Jannar 2020.

---

[12] ĠU L 130, 31. 5. 2000, p. 1.

2. Għal dak il-għan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba ġustifikata kif xieraq lill-Kummissjoni mhux aktar minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**It-Tħaddim tad-delega**

1. Is-setgħat ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(2), (4) u (5) u l-Artikolu 3(3) għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-setgħat delegati mhux iktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha skont l-Artikolu 8.

2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha, fl-istess waqt, tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħat li tadotta l-atti delegati jingħataw lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 8 u 9.

*Artikolu 8*

**Ir-Revoka tad-delega**

1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 2(2), (4) u (5) u 3(3) tista' tiġi rrevokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, fejn tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu soġġetti għar-revoka u r-raġunijiet li jista' jkun hemm għal din ir-revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li diġà jkunu fis-seħħ. Hija għandha tiġi pppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 9*

**Oġġezzjonijiet għall-atti delegati**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perjodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, meta jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun oġġezzjona għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data mniżżla ġewwa fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel jiskadi dan il-perjodu, jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat adottat, huwa ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li tressaq l-oġġezzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.

*Artikolu 10*

**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Sistema tal-Istatistika Ewropea.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 11*

**Kooperazzjoni ma kumitati oħrajn**

1. Dwar il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kumitat dwar l-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni ta' dak il-Kumitat skont l-Artiklu 2 tad-Deċiżjoni 2006/856/KE.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Kumitat dwar id-Dħul Gross Nazzjonali (il-Kumitat GNI), stabbilit bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, kull tagħrif dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li huwa meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijietu.

*Artikolu 12*

**Dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni**

1. Għal skopijiet ta' baġit u ta' riżorsi proprji u bħala deroga mill-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 5, is-sistema Ewropea tal-kontijiet fis-seħħ fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 u l-atti legali marbuta miegħu, partikolarment ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 1150/2000 u r-Regolament tal-

Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89[13], għandha tkun l-SEK 95 filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom[14] tibqa' fis-seħħ.

2. Għall-iskop tad-determinazzjoni tar-riżors proprju bbażat fuq il-VAT, u b'eċċezzjoni mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw dejta bbażata fuq l-SEK 2010 sakemm id-Deċiżjoni 2007/436/KE Euratom tibqa' fis-seħħ, f'każijiet fejn id-dejta ESA 95 meħtieġa fid-dettall ma tkunx disponibbli.

*Artikolu 13*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

---

13 ĠU L 155, 7.6.1989, p.9.
14 ĠU L 163, 23.6.2007, p.17.